SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

11 ta' Ġunju 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2014/24/UE – Proċedura ta' aġġudikazzjoni ta' kuntratt għal servizzi – Servizzi ta' arkitettura u ta' inġinerija – Artikolu 19(1) u Artikolu 80(2) – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni biss għall-operaturi ekonomiċi li huma kkostitwiti f'ċertu forom legali"

Fil-Kawża C-219/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Marzu 2019, fil-proċedura

Parsec Fondazione Parco delle Scienze e della Cultura

vs

Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti,

Autorità nazionale anticorruzione (ANAC),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tal-Awla, E. Juhász (Relatur) u M. Ilešič, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Parsec Fondazione Parco delle Scienze e della Cultura, minn A. Pontenani u I. Cecchi, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn C. Pluchino, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Gattinara, P. Ondrůšek u L. Haasbeek, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-premessa 14, tal-Artikolu 19(1) u tal-Artikolu 80(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Parsec Fondazione Parco delle Scienze e della Cultura (iktar 'il quddiem "Parsec") u, min-naħa l-oħra, il-Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti (il-Ministeru għall-Infrastruttura u għat-Trasport) u l-Autorità nazionale anticorruzione (ANAC) (l-Awtorità Nazzjonali tal-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, l-Italja) dwar id-deċiżjoni li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet it-talba għall-iskrizzjoni ta' Parsec fir-reġistru nazzjonali tal-kumpanniji ta' inġinerija u ta' professjonisti awtorizzati jipprovdu servizzi ta' arkitettura u ta' inġinerija.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessa 14 tad-Direttiva 2014/24:

"Għandu jiġi ċċarat li l-kunċett ta' 'operaturi ekonomiċi' għandu jiġi interpretat f'sens wiesa' sabiex jinkludi kwalunkwe persuna u/jew entità li toffri t-twettiq ta' xogħlijiet u/jew biċċa xogħol, il-provvista ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq, irrispettivament mill-forma legali li taħtha jkunu għażlu li joperaw. Għalhekk, impriżi, fergħat, sussidjarji, sħubijiet, soċjetajiet kooperattivi, kumpanniji b'responsabbiltà limitata, universitajiet, pubbliċi jew privati, u forom oħra ta' entitajiet minbarra persuni fiżiċi għandhom kollha jaqgħu taħt il-kunċett ta' operatur ekonomiku, kemm jekk huma sew jekk mhumiex 'persuni ġuridiċi' fi kwalunkwe u f'kull ċirkostanza."

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Definizzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(10) 'operatur ekonomiku' tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u/jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, li joffru l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-forniment ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq;

[…]"

5 L-Artikolu 19 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Operaturi ekonomiċi", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

1. L-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi tal-Istat Membru li huma stabbiliti fih, huma intitolati li jipprovdu s-servizz relevanti, ma għandhomx ma jiġux aċċettati minħabba r-raġuni unika li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jingħata l-kuntratt, dawn meħtieġa jkunu jew persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi.

Madanakollu, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi ta' servizzi u ta' xogħlijiet kif ukoll kuntratti pubbliċi ta' provvista li jkopru servizzi addizzjonali jew operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni, il-persuni ġuridiċi jistgħu jkunu meħtieġa jindikaw, fl-offerta jew fit-talba għal parteċipazzjoni, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali relevanti tal-persunal li għandu jkun responsabbli mit-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni."

6 L-Artikolu 80 tal-istess direttiva, bit-titolu "Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet ta' disinn u l-għażla tal-parteċipanti", jipprevedi:

"1. Meta jorganizzaw kompetizzjonijiet ta' disinn, l-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw proċeduri li huma adattati għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu I u ta' dan il-Kapitolu.

2. Id-dħul ta' parteċipanti għal kompetizzjonijiet ta' disinn ma għandhiex tkun limitata:

(a) mir-referenza għat-territorju jew parti mit-territorju ta' Stat Membru;

(b) minn raġunijiet li, skont il-liġi tal-Istat Membru fejn tiġi organizzata il-kompetizzjoni, dawn ikunu meħtieġa li jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

3. Fejn il-kompetizzjonijiet ta' disinn huma limitati għal numru limitat ta' parteċipanti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu kriterji tal-għażla ċari u mhux diskriminatorji. Fi kwalunkwe każ, in-numru ta' kandidati mistiedna jipparteċipaw għandu jkun biżżejjed sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina."

Id-dritt Taljan

7 Id-decreto legislativo n. 50 – Attuazione delle direttive 2014/23/UE, 2014/24/UE e 2014/25/UE sull'aggiudicazione dei contratti di concessione, sugli appalti pubblici e sulle procedure d'appalto degli enti erogatori nei settori dell'acqua, dell'energia, dei trasporti e dei servizi postali, nonché per il riordino della disciplina vigente in materia di contratti pubblici relativi a lavori, servizi e forniture (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 li Jimplimenta d-Direttiva 2014/23/UE dwar l-Għoti ta' Kuntratti ta' Konċessjoni, id-Direttiva 2014/24/UE dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi u d-Direttiva 2014/25/UE dwar l-Għoti ta' Kuntratti minn Entitajiet li Joperaw fis-Setturi tal-Ilma, tal-Enerġija, tat-Trasport, u tas-Servizzi Postali, u li Jirriforma l-Leġiżlazzjoni fis-Seħħ fil-Qasam tal-Kuntratti Pubbliċi għal Xogħlijiet, għal Servizzi u għal Provvisti), tat-18 ta' April 2016 (Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 91, tad-19 ta' April 2016), jikkostitwixxi l-Codice dei contratti pubblici (il-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi).

8 Filwaqt li l-Artikolu 45 ta' dan il-kodiċi jiddefinixxi, b'mod ġenerali, il-kunċett ta' operatur ekonomiku ammess jipparteċipa fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, l-Artikolu 46 tal-imsemmi kodiċi jistabbilixxi sistema speċjali għas-servizzi ta' arkitettura u ta' inġinerija. Skont din l-aħħar dispożizzjoni:

"1. Huma awtorizzati jipparteċipaw fil-proċeduri ta' għoti ta' servizzi relatati mal-arkitettura u mal-inġinerija:

(a) il-persuni li jipprovdu servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura: il-professjonisti indipendenti, soċji, il-kumpanniji bejn professjonisti bħal dawk imsemmija fis-subparagrafu (b), il-kumpanniji ta' inġinerija bħal dawk imsemmija fis-subparagrafu (c), il-konsorzji, il-Gruppi Ewropej ta' Interess Ekonomiku (GEIE), il-gruppi temporanji bejn il-persuni ċċitati iktar 'il fuq, li jipprovdu, lil mandanti pubbliċi u privati li joperaw fis-suq, servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura kif ukoll attivitajiet tekniċi u amministrattivi, u studji ta' fattibbiltà ekonomika u finanzjarja li huma

marbuta ma' dawn l-attivitajiet, inklużi, f'dak li jirrigwarda l-miżuri relatati mar-restawr u mal-manutenzjoni ta' oġġetti mobbli u ta' wċuħ iddekorati ta' oġġetti arkitettorali, il-persuni li għandhom il-kwalifika ta' restawratur ta' oġġetti kulturali skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

(b) il-kumpanniji ta' professjonisti: il-kumpanniji kkostitwiti esklużivament bejn professjonisti iskritti fl-assoċjazzjonijiet professjonali rispettivi previsti mir-regolamenti professjonali fis-seħħ, fil-forma ta' sħubiji msemmija fil-Kapitoli II, III u IV tat-Titolu V tal-Ktieb V tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll fil-forma ta' soċjetajiet kooperattivi msemmija fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tal-Ktieb V tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdu, għal kuntratturi privati u pubbliċi, servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura bħal studji ta' fattibbiltà, riċerka, konsultazzjonijiet, xogħlijiet ta' ppjanar jew ta' tmexxija relatati ma' siti ta' kostruzzjoni, evalwazzjonijiet ta' fattibbiltà teknika u ekonomika jew studji ta' impatt ambjentali;

(c) il-kumpanniji ta' inġinerija: il-kumpanniji b'kapital azzjonarju msemmija fil-Kapitoli V, VI u VII tat-Titolu V tal-Ktieb V tal-Kodiċi Ċivili, jew fil-forma ta' soċjetajiet kooperattivi bħal dawk imsemmija fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tal-Ktieb V tal-Kodiċi Ċivili, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti sabiex jiġu kklassifikati bħala kumpanniji bejn professjonisti, u li jwettqu studji ta' fattibbiltà, riċerka, konsultazzjonijiet, xogħlijiet ta' ppjanar jew ta' tmexxija relatati ma' siti ta' kostruzzjoni, evalwazzjonijiet ta' fattibbiltà teknika u ekonomika jew studji ta' impatt, kif ukoll attivitajiet oħra ta' produzzjoni ta' oġġetti relatati mal-provvista ta' dawn is-servizzi;

(d) il-forniturі ta' servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura identifikati bil-kodiċijiet CPV minn 74200000–1 sa 74276400–8, minn 74310000–5 sa 74323100–0 u 74874000–6 stabbiliti fi Stati Membri oħra, ikkostitwiti skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-pajjiżi rispettivi;

(e) il-gruppi temporanji kkostitwiti mill-persuni msemmija fis-subparagrafi (a) sa (d);

(f) il-gruppi permanenti bejn kumpanniji ta' professjonisti u bejn kumpanniji ta' inġinerija, anki f'forma mħallta, ikkostitwiti minn tal-inqas tliet membri li operaw fis-setturi tas-servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura.

2. Għall-finijiet tal-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti msemmija fil-paragrafu 1, il-kumpanniji jistgħu, matul perijodu ta' ħames snin mill-kostituzzjoni tagħhom, jiċċertifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ekonomiċi-finanzjarji u tekniċi-organizzattivi meħtieġa fl-avviż ta' kuntratt, inkluż mar-rekwiżiti relatati mas-soċji tal-kumpannija meta din tal-aħħar tkun ikkostitwita fil-forma ta' sħubija jew ta' soċjetà kooperattiva, u ma' dawk relatati mad-diretturi tekniċi jew mal-professjonisti impjegati għal żmien indeterminat mill-kumpannija, meta din tal-aħħar tkun ikkostitwita fil-forma ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Parsec hija fondazzjoni rregolata mid-dritt privat, mingħajr skop ta' lukru, ikkostitwita skont il-Kodiċi Ċivili Taljan.

10 Hija għandha s-sede tagħha f'Prato (l-Italja) u l-attività tagħha, hekk kif jipprevedu l-istatuti tagħha, tikkonsisti b'mod partikolari fl-istudju tad-diżastri naturali, fil-previżjoni u fil-prevenzjoni tal-kundizzjonijiet ta' riskju, fl-ippjanar, fl-immaniġġar u fil-monitoraġġ tal-ambjent u tat-territorju, kif ukoll fil-protezzjoni ċivili u ambjentali. Hija ħolqot fi ħdanha "osservatorju" tas-sismoloġija, li jikkollabora b'mod stabbli mal-Istituto nazionale di geofisica e vulcanologia (l-Istitut Nazzjonali tal-Ġeofiżika u tal-Vulkanoloġija, l-Italja). Permezz ta' dan l-osservatorju, Parsec topera netwerk ta' stazzjonijiet ta' tkejjil tal-attività sismika, tikkollabora ma' universitajiet u ma' entitajiet ta' riċerka,

tipprovdi servizzi ta' mmaniġġar tar-riskju sismiku, ta' protezzjoni ċivili u ta' pjanifikazzjoni tat-territorju, lil diversi komuni u awtoritajiet lokali. Hija teżerċita dawn l-attivitajiet kollha permezz tal-persunal ikkwalifikat ħafna f'dan il-qasam.

11 Sabiex tkun tista' tipparteċipa f'sejħiet għal offerti għall-għoti tas-servizz ta' klassifikazzjoni tat-territorju abbażi tar-riskju sismiku, Parsec ressqet talba għall-iskrizzjoni fir-reġistru miżmum mill-ANAC għall-operaturi awtorizzati jipprovdu servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura. Madankollu, peress li Parsec ma kinitx taqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 46(1) tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi, l-ANAC, permezz ta' deċiżjoni, ċaħdet it-talba għal iskrizzjoni, li kontriha Parsec ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, jiġifieri t-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja).

12 Quddiem din il-qorti, il-Ministeru għall-Infrastruttura u għat-Trasport kif ukoll l-ANAC sostnew, preliminarjament, li l-assenza ta' iskrizzjoni ta' Parsec fir-reġistru, miżmum mill-ANAC, tal-operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 46 tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi ma kinitx tipprekludi li din tipparteċipa f'sejħiet għal offerti għall-għoti tas-servizzi kkonċernati.

13 Il-qorti tar-rinviju tosserva, fl-ewwel lok, li s-servizzi li huma s-suġġett tal-proċedura pendenti quddiemha, jiġifieri s-servizzi ta' sismoloġija u ta' klassifikazzjoni tat-territorju abbażi tar-riskju sismiku, jaqgħu taħt is-servizzi ta' arkitettura u ta' inġinerija msemmija fil-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi. Issa, għat-twettiq tal-imsemmija servizzi, l-Artikolu 46 ta' dan il-kodiċi jawtorizza biss il-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' sejħa għal offerti ta' ċerti kategoriji ta' operaturi, li fosthom ma humiex inklużi l-entitajiet mingħajr skop ta' lukru, bħal Parsec. Dan huwa dovut għall-fatt li, peress li dawn l-entitajiet ma għandhomx il-possibbiltà jiġu iskritti fir-reġistru miżmum mill-ANAC, kull verifika mill-awtorità kontraenti fir-rigward tal-karatteristiċi professjonali ta' tali entitajiet li jkunu jixtiequ jissottomettu offerta tkun impossibbli.

14 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tqis li din ir-regola speċjali, li għandha l-effett li tirrestrinġi l-portata tal-kunċett ta' "operatur ekonomiku" inkluż fl-Artikolu 45 tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi, tista' tiġi ġġustifikata mil-livell għoli ta' professjonaliżmu meħtieġ mill-offerenti sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi li huma jkunu meħtieġa jipprovdu u minn "preżunzjoni" li l-persuni li jipprovdu dawn is-servizzi b'mod kontinwu, professjonalment u bi ħlas, jistgħu iktar ikunu eżerċitaw l-attività tagħhom mingħajr interruzzjoni u jkunu segwew korsijiet ta' perfezzjonament professjonali.

15 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tirreferi għas-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, CoNISMa (C-305/08, EU:C:2009:807), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat l-inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni Taljana li tipprojbixxi lil entitajiet li ma kellhomx prinċipalment skop ta' lukru milli jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, minkejja li tali entitajiet kienu awtorizzati joffru s-servizzi koperti mill-kuntratt ikkonċernat. Skont il-qorti tar-rinviju, għalkemm il-leġiżlatur Taljan irriproduċa fl-Artikolu 45 tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi, li jiddefinixxi b'mod ġenerali l-kunċett ta' "operatur ekonomiku", id-definizzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza, meta adotta l-Artikolu 46 ta' dan l-istess kodiċi, huwa kien għażel definizzjoni iktar stretta fir-rigward tas-servizzi ta' arkitettura u ta' inġinerija.

16 Fid-dawl tan-natura ġenerali tat-tagħlim li jirriżulta mill-imsemmija sentenza, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni madankollu jħallix lill-Istati Membri l-possibbiltà li jadottaw definizzjonijiet iktar stretti f'dak li jirrigwarda s-servizzi li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, hija tosserva li l-formulazzjoni tal-Artikolu 19(1) u dik tal-Artikolu 80(2) tad-Direttiva 2014/24 jidhru, anki jekk b'mod impliċitu, li jippermettu li Stat Membru jkun jista' jillimita l-parteċipazzjoni fi proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi biss għall-persuni fiżiċi jew għal ċerti persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, hija tippreċiża li l-operaturi ekonomiċi stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma humiex ikkonċernati mid-definizzjoni restrittiva prevista fl-Artikolu 46 tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi, fid-dawl tal-applikabbiltà, fir-rigward tagħhom, tar-regola ġenerali msemmija fl-Artikolu 45(1) ta' dan il-kodiċi

li, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 80(2) tad-Direttiva 2014/24, tippermetti lill-imsemmija operaturi jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-premessa 14, tal-Artikolu 19(1) u tal-Artikolu 80(2) tad-Direttiva [2014/24], jipprekludu dispożizzjoni bħall-Artikolu 46 ta[l-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi], li permezz tagħha [tiegħu] l-Italja ttransponiet fl-ordinament ġuridiku tagħha d-Direttivi [2014/23], [2014/24] u [2014/25], u li tippermetti biss lil dawk l-operaturi ekonomiċi li huma kkostitwiti fil-forom legali inklużi fiha jipparteċipaw fis-sejħiet għal offerti għall-għoti ta' 'servizzi ta' arkitettura u inġinerija', fatt li għandu l-effett li jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni f'dawn is-sejħiet għal offerti l-operaturi ekonomiċi li jipprovdu dawn is-servizzi iżda li jużaw forma legali differenti?"

Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 80(2) tad-Direttiva 2014/24, moqrija fid-dawl tal-premessa 14 ta' din id-direttiva, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà għal entitajiet mingħajr skop ta' lukru li jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura, anki jekk dawn l-entitajiet huma awtorizzati mid-dritt nazzjonali joffru s-servizzi koperti mill-kuntratt ikkonċernat.

19 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali, fondazzjoni bħal Parsec, li permezz tal-attività tagħha ma għandhiex skop ta' lukru, ma hijiex ammessa tipparteċipa fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura, anki jekk din l-entità hija awtorizzata mid-dritt nazzjonali toffri s-servizzi koperti mill-kuntratt ikkonċernat.

20 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-punti 47 sa 49 tas-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, CoNISMa (C-305/08, EU:C:2009:807), fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrasponiet fl-ordinament ġuridiku intern id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132), li, ċertament, l-Istati Membri għandhom is-setgħa jawtorizzaw jew le lil ċerti kategoriji ta' operaturi ekonomiċi jipprovdu ċerti servizzi u li huma jistgħu, b'mod partikolari, jawtorizzaw jew ma jawtorizzawx lil entitajiet li ma għandhomx skop ta' lukru u li l-għan tagħhom huwa prinċipalment orjentat lejt it-tagħlim u r-riċerka joperaw fis-suq skont jekk l-attività inkwistjoni hijiex kompatibbli mal-għanijiet istituzzjonali u statutorji tagħhom jew le. Madankollu, jekk, u sa fejn, tali entitajiet huma awtorizzati joffru ċerti servizzi fis-suq, id-dritt nazzjonali ma jistax jimpedixxihom milli jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi li jirrigwardaw il-provvista tal-istess servizzi.

21 Din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ġiet ikkonfermata kemm fir-rigward ta' din l-istess direttiva (sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Lecce *et*, C-159/11, EU:C:2012:817, punt 27, u tas-6 ta' Ottubru 2015, Consorci Sanitari del Maresme, C-203/14, EU:C:2015:664, punt 35) kif ukoll fir-rigward tad-Direttiva li hija ssostitwixxiet, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322) (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Data Medical Service, C-568/13, EU:C:2014:2466, punt 36).

22 L-imsemmija ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tilfet xejn f'dak li jirrigwarda r-rilevanza tagħha mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/24, li ħassret u ssostitwixxiet id-Direttiva 2004/18. Fil-fatt, minbarra l-fatt li l-kunċett ta' "operatur ekonomiku" li kien inkluż fl-Artikolu 1(8) tad-Direttiva 2004/18 ġie riprodott, mingħajr tibdil sostanzjali, fl-Artikolu 2(1)(10) tad-Direttiva 2014/24, il-premessa 14 ta' din l-aħħar direttiva issa tindika espressament li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat "f'sens wiesa'", b'mod li jinkludi kull persuna jew entità attiva fis-suq, "irrispettivament mill-forma legali li taħtha jkunu għażlu li joperaw". Bl-istess mod, l-Artikolu 19(1) ta' din id-direttiva l-istess bħall-Artikolu 80(2) tagħha, jipprevedu espressament li l-kandidatura ta' operatur ekonomiku ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni biss li, skont id-dritt nazzjonali, dan għandu jkun jew persuna fiżika jew persuna ġuridika.

23 Minn dan isegwi li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punti 20 u 21 ta' din is-sentenza, id-dritt nazzjonali ma jistax jipprojbixxi lil fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru li hija awtorizzata toffri ċerti servizzi fis-suq nazzjonali milli tipparteċipa fi proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi li jirrigwardaw il-provvista tal-istess servizzi.

24 Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi kkontestata għar-raġuni, invokata mill-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari u riprodotta mill-Gvern Taljan fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li d-definizzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "operatur ekonomiku" li tinsab fl-Artikolu 46 tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi fil-kuntest ta' servizzi relatati mal-arkitettura u mal-inġinerija hija ġġustifikata mil-livell għoli ta' professjonaliżmu meħtieġ sabiex tiġi ggarantita l-kwalità ta' tali servizzi kif ukoll minn allegata preżunzjoni li l-persuni li jipprovdu dawn is-servizzi b'mod kontinwu, professjonalment u bi ħlas, jistgħu iktar ikunu eżerċitaw l-attività tagħhom mingħajr interruzzjoni u jkunu segwew korsijiet ta' perfezzjonament professjonali.

25 Fl-ewwel lok, hekk kif osservat il-Kummissjoni Ewropea, dan il-gvern ma stabbilixxa l-eżistenza ta' ebda korrelazzjoni partikolari bejn, minn naħa, il-livell ta' professjonaliżmu muri fil-kuntest tal-provvista ta' servizz, u, konsegwentement, il-kwalità tas-servizz ipprovdut, u, min-naħa l-oħra, il-forma legali li fiha huwa kkostitwit l-operatur ekonomiku li jipprovdi dan is-servizz.

26 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-"preżunzjoni" li l-persuni li jipprovdu servizzi relatati mal-arkitettura u mal-inġinerija professjonalment u bi ħlas jistgħu iktar ikunu eżerċitaw l-attività tagħhom mingħajr interruzzjoni u jkunu segwew korsijiet ta' perfezzjonament professjonali huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li tali preżunzjoni ma tistax tipprevali fid-dritt tal-Unjoni, peress li din hija inkompatibbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, indikata fil-punt 20 ta' din is-sentenza, li minnha jirriżulta li, meta entità tkun awtorizzata mid-dritt nazzjonali toffri fis-suq servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura fl-Istat Membru kkonċernat, hija ma tistax tiġi miċħuda d-dritt tipparteċipa fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku li tirrigwarda l-provvista tal-istess servizzi.

27 Fl-aħħar nett, għandu jingħad ukoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien sensittiv għall-importanza, għall-kandidati u għall-offerenti fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi u għal xogħlijiet kif ukoll ta' ċerti kuntratti pubbliċi għal provvisti, li dawn ikollhom livell għoli ta' professjonaliżmu. Huwa għal dan il-għan li huwa ppreveda, fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2014/24, il-possibbiltà li l-persuni ġuridiċi jiġu obbligati jindikaw, fl-offerti tagħhom jew fit-talbiet tagħhom għal parteċipazzjoni, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali rilevanti tal-persuni li huma inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, dan il-leġiżlatur, għal dan l-istess għan, ma stabbilixxa ebda trattament differenti minħabba l-forma legali li fiha tali kandidati u offerenti għażlu li joperaw.

28 Għaldaqstant, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 80(2) tad-Direttiva 2014/24, moqrija fid-dawl tal-premessa 14 ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà għal entitajiet mingħajr skop ta' lukru li jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura, anki jekk dawn l-entitajiet huma awtorizzati mid-dritt nazzjonali joffru s-servizzi koperti mill-kuntratt ikkonċernat.

Fuq l-ispejjeż

29 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 80(2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, moqrija fid-dawl tal-premessa 14 ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà għal entitajiet mingħajr skop ta' lukru li jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi ta' inġinerija u ta' arkitettura, anki jekk dawn l-entitajiet huma awtorizzati mid-dritt nazzjonali joffru s-servizzi koperti mill-kuntratt ikkonċernat.

Firem